TEATRU MALTA

SEJĦA GĦALL-ATTURI

# OĦXON

teatrumalta.org.mt

Wara s-suċċess ta' **GUTZ**, Teatru Malta qed ifittex attur biex jingħaqad mal-kast ta' **FAT**, l-aktar dramm riċenti tiegħu, li se jinħadem fi klassi, u li matul l-2025 se jdur madwar il-kulleġġi postsekondarji f'Malta u Għawdex. Dan ix-xogħol se jsaħħaħ il-portafoll ta' Teatru Malta ta' drammi maħduma fi klassijiet, u huwa parti mill-programm edukattiv usa' tagħna.

**FAT**, ta' Zoe Apostolidou mit-Thoc Theatro Apothikes f'Ċipru, inkiteb biex jinħadem flimkien ma' **GUTZ** fil-programm ta' drammaturgi f'pari, Young Europe IV, li jesebixxi xogħlijiet ġodda minn tmien teatri membri tal-European Theatre Convention, b'temi ta' vuċijiet mhux dominanti fis-soċjetà.

↓ **GUTZ** (2024)





## Id-Direttur

Philip Leone-Ganado huwa membru tal-ensemble ta' Teatru Malta. Tħarreġ fil-London Academy of Music in Dramatic Arts (LAMDA), u fl-2020 iggradwa b'Maġisteru fid-Direzzjoni. Fost ix-xogħlijiet li dderieġa jinsabu disa' edizzjonijiet ta' WhatsTheirNames Theatre's Shakespeare in the Pub u serje ta' Shakespeare in the Garden (2016-preżent), kif ukoll Constellations (2013), Image of an Unknown Young Woman (2016), Skieken f'Tiġieġ (2022), sitt ġrajjiet u naqra għala spiċċajna (kif spiċċajna) (2022), La Ronde (2024), My Name is Rachel Corrie (2024) u The Trials of Magnus Coffinkey (2023/24), li rebaħ il-Premju ta' Teatru Eċċellenti fil-Brighton Fringe. Minbarra li huwa direttur huwa wkoll attur, u reċentament deher fil-produzzjonijiet ta' Teatru Malta, The Best European Show (2023/24), Miti Miti (2024) u 1881 (2025).



## Il-Kittieba

Zoe Apostolidou twieldet Londra, ir-Renju Unit u trabbiet Nikosija, Ċipru. Kisbet Baċellerat fil-Psikoloġija mill-Università ta' Ċipru, Maġisteru fil-Psikoloġija Ġenerali min-New School for Social Research fi New York, l-Istati Uniti, u Dottorat fil-Konsulenza tal-Psikoloġija mill-Università ta' Wales, ir-Renju Unit. Bħala riċerkatriċi, ippubblikat artikli fl-oqsma ta' xogħol kliniku ma' persuni li qed ifittxu ażil u refuġjati bi kwistjonijiet LGBTI. Bħalissa qed tgħix Nikosija u taħdem bħala konsulenta psikologa. Ipparteċipat fil-laboratorji tal-kitba ta' THOK fl-2018 u l-2019 fejn ingħatat l-opportunità biex tibda taħdem fuq l-ewwel dramm tagħha, li ressqet għal Play#5 – Play again, u li kien wieħed minn sebgħa ppreżentati f'Diċembru tal-2021. FAT huwa t-tieni dramm tagħha.

## Disponibbiltà għar-Rehearsals u l-Prestazzjonijiet

### Il-Perjodu u l-Ħinijiet tar-Rehearsals

- Mit-Tlieta sas-Sibt; matul il-ġurnata.
- Ir-Rehearsals jibdew fl-4 ta' Marzu 2025.
- L-Ispazju tar-Rehearsals; L-MCAST, Raħal Ġdid / Il-Ġ.F. Abela Junior College, l-Imsida.

## Sinopsi tad-Dramm

Frixos, żagħżugħ ta' 17-il sena li jaspira li jsir poeta, ikollu jaffaċċja ħafna pressjoni kemm l-iskola kif ukoll id-dar minħabba l-piż tiegħu. Biex jagħmel il-ħbieb, jistaħba wara skrins differenti, u fl-isfond ta' dan ikollu jaffaċċja l-kummenti u t-tentattivi ma jaqtgħu qatt ta' ommu biex jirqaq. Dan iwasslu biex jevita li jagħmel kwalunkwe ħaġa li ġġiegħlu joħroġ minn qoxortu. Iħossu tajjeb miegħu nnifsu, saħħtu hija tajba, imma dan ma jidhirx li jimporta għall-oħrajn, li fih jaraw biss persuna ħoxna, bil-preġudizzji kollha li dan iġorr miegħu. Għal xiex se jwassal dan kollu?

**Il-Lingwa tal-Iskritt** Il-Malti
**Temi Sensittivi** L-obesità, id-dehra soċjali, xi kliem baxx.

## Il-Karattri fil-Qosor

**Frixos**
**Età** 17-il sena
**Ġeneru tal-karattru** maskil
*Atturi bi statura kbira se jingħataw prijorità.*

## Id-Dettalji tal-Awdizzjoniet

Wiċċ Imb Wiċċ, **Is-Sibt 22 ta' Frar 2025**, bejn **it-3:00pm u s-6:00pm** ġewwa **l-MCAST, Raħal Ġdid.** Jiġi allokat ħin eżatt għal kull attur li qed japplika.

## Tħejjija għall-Awdizzjonijiet

**X'għandhom bżonn iħejju minn qabel l-atturi li qed japplikaw?**

Għandek bżonn tħejji **MONOLOGU U DJALOGU** li jintbagħatlek wara li tapplika. Qarrej se jkun preżenti waqt l-awdizzjoni tiegħek. Ma hemmx bżonn tkun taf kollox bl-amment imma jeħtieġ li tkun familjari sew mat-test.

## Kif Tista Tapplika?

**L-Ewwel Fażi**

L-atturi interessati huma nkoraġġiti japplikaw billi jressqu s-CV artistika tagħhom lil contact@teatrumalta.org.mt sa mhux aktar tard minn nhar **il-Ħamis, 20 ta' Frar.**

L-applikazzjoni tiegħek tiġi rikonoxxuta fi żmien 48 siegħa b'aktar informazzjoni. F'każ li ma tirċevi ebda email mingħandna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq 99063089 biex tikkonferma li rċivejna l-applikazzjoni tiegħek.

**It-Tieni Fażi**

Malli nirċievu l-email tiegħek, **nibagħtulek il-ħin tal-awdizzjoni tiegħek, flimkien ma' monologu u djalogu biex tħejji ruħek.**